Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
EMILIOU
ippreżentati fis-7 ta' Lulju 2022[1]

**Kawża C-372/21**

**Freikirche der Siebenten-Tags-Adventisten in Deutschland KdöR**
**partijiet magħquda:**
**Bildungsdirektion für Vorarlberg**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 49 TFUE – Dritt ta' stabbiliment – Artikolu 17 TFUE – Knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi – Sussidju ta' skola privata rrikonoxxuta bħala skola bbażata fuq twemmin reliġjuż minn soċjetà reliġjuża bbażata fi Stat Membru ieħor"

## I. Introduzzjoni

1. Skont l-Artikolu 17(1) TFUE, l-Unjoni Ewropea "tirrispetta u ma tippreġudikax l-istatus li jgawdu minnu, taħt il-liġi nazzjonali, il-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri". Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 49(1) TFUE jipprevedi li "restrizzjonijiet għal-libertà ta' l-istabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandhom jiġu projbiti".

2. Il-kawża ineżami tirrigwarda l-interazzjoni bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. B'mod partikolari, hija tqajjem żewġ kwistjonijiet prinċipali.

3. L-ewwel, l-Artikolu 17(1) TFUE jipprekludi l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi f'sitwazzjoni fejn soċjetà reliġjuża, stabbilita fi Stat Membru, tirrikonoxxi skola fi Stat Membru ieħor bħala skola bbażata fuq twemmin reliġjuż u titlob finanzjament pubbliku f'dan l-aħħar Stat Membru? It-tieni, jekk fin-negattiv, dawn ir-regoli jistgħu jiġu invokati b'suċċess fir-rigward ta' attività ekonomika li, kieku titneħħa l-allegata restrizzjoni fl-Istat Membru ospitanti, titlef in-natura ekonomika tagħha?

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

MT

## II. Il-kuntest ġuridiku nazzjonali

4. L-Artikolu 1 tal-Gesetz vom 20. Mai 1874 betreffend die gesetzliche Anerkennung von Religionsgesellschaften (il-Liġi Awstrijaka dwar ir-Rikonoxximent Legali ta' Soċjetajiet Reliġjużi; iktar 'il quddiem l-"AnerkennungsG")[2] jipprevedi li:

"Membri ta' denominazzjoni reliġjuża li ma kinitx preċedentement irrikonoxxuta mil-liġi għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala soċjetà reliġjuża sakemm:

1. xejn fid-duttrina reliġjuża tagħhom, fil-funzjoni reliġjuża tagħhom, fl-istatuti tagħhom, kif ukoll fl-isem li huma jagħżlu għalihom innifishom ma huwa illegali jew kuntrarju għall-moralità;

2. l-istabbiliment u l-eżistenza ta' mill-inqas komunità reliġjuża waħda stabbilita skont ir-rekwiżiti ta' din il-liġi huma żgurati."

5. L-Artikolu 2 tal-AnerkennungsG huwa fformulat kif ġej:

"Jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1 jiġu ssodisfatti, il-Cultusminister [(il-Ministru għall-Edukazzjoni u għall-Affarijiet Kulturali, l-Awstrija)] għandu jirrikonoxxi s-soċjetà reliġjuża.

Konsegwentement, is-soċjetà reliġjuża għandha tibbenefika mid-drittijiet legali kollha mogħtija lill-knejjes u lis-soċjetajiet reliġjużi rrikonoxxuti mil-liġi."

6. L-Artikolu 11 tal-Bundesgesetz über die Rechtspersönlichkeit von religiösen Bekenntnisgemeinschaften (il-Liġi Federali dwar l-Istatus Legali tal-Komunitajiet Reliġjużi Rreġistrati, iktar 'il quddiem il-"BekGG"[3], jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali għar-rikonoxximent ta' komunità reliġjuża skont l-AnerkennungsG. Huwa jipprevedi:

"Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-[AnerkennungsG], sabiex tiġi rrikonoxxuta, il-komunità reliġjuża trid tissodisfa l-kundizzjonijiet segwenti.

1. Il-komunità reliġjuża:

a) trid tkun eżistiet għal mill-inqas 20 sena fl-Awstrija, li minnhom 10 snin ikunu f'forma organizzata, u mill-inqas 5 snin bħala komunità reliġjuża b'personalità ġuridika skont dan l-att; jew

b) trid tkun integrata b'mod organizzattiv u dottrinali f'soċjetà reliġjuża attiva internazzjonalment li ilha teżisti għal mill-inqas 100 sena u li diġà kienet attiva fl-Awstrija f'forma organizzata għal mill-inqas 10 snin; jew

c) trid tkun integrata b'mod organizzattiv u dottrinali f'soċjetà reliġjuża attiva internazzjonalment li ilha teżisti għal mill-inqas 200 sena; u

d) għandu jkollha bħala membri mill-inqas tnejn minn kull elf tal-popolazzjoni tal-Awstrija kif iddeterminata fl-aħħar ċensiment. Jekk il-komunità reliġjuża ma tistax tipprovdi din il-prova mid-data taċ-ċensiment, hija għandha tipprovdiha f'kull forma oħra xierqa.

2 RGBl. 68/1874.

3 BGBl. I, 19/1998, fil-verżjoni ppubblikata fil-BGBl. I, 78/2011.

2. Id-dħul u l-assi tal-komunità reliġjuża jistgħu jintużaw biss għal finijiet reliġjużi, inkluż għal finijiet karitattivi u għal finijiet ta' interess pubbliku bbażati fuq prinċipji reliġjużi.

3. Il-komunità ta' fidi għandu jkollha dispożizzjoni tajba lejn is-soċjetà u l-Istat.

4. Hija ma għandhiex toħloq disturb illegali fir-relazzjonijiet mal-knejjes u s-soċjetajiet reliġjużi rrikonoxxuti mil-liġi u ma' komunitajiet reliġjużi oħra eżistenti".

7. Taħt it-titolu ta' "Sussidju ta' Skejjel Privati Bbażati fuq Twemmin Reliġjuż", l-Artikolu 17 tal-Privatschulgesetz (il-Liġi Awstrijaka dwar l-Iskejjel Privati, iktar 'il quddiem il-"PrivSchG")[4], li jkopri l-eliġibbiltà, jipprevedi:

"(1) il-knejjes u s-soċjetajiet reliġjużi rrikonoxxuti legalment għandhom jingħataw sussidji għall-ispejjeż tal-persunal għall-iskejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż li għandhom status ta' dritt pubbliku skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

(2) L-iskejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż għandhom jinftiehmu bħala li jagħmlu riferiment għall-iskejjel amministrati mill-knejjes u mis-soċjetajiet reliġjużi rrikonoxxuti legalment, u mill-istituzzjonijiet tagħhom, kif ukoll għall-iskejjel amministrati minn assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet u fondi li huma rrikonoxxuti bħala skejjel ibbażati fuq twemmin reliġjuż mill-awtorità superjuri kompetenti ta' knisja (soċjetà reliġjuża)."

8. L-Artikolu 18(1) tal-PrivSchG, rigward il-kamp ta' applikazzjoni tas-sussidju, jistabbilixxi:

"Bħala sussidju, il-knejjes u s-soċjetajiet reliġjużi rrikonoxxuti mil-liġi għandhom jiġu pprovduti bil-persunal ta' tagħlim meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-programm skolastiku tal-iskola inkwistjoni [...] sakemm ir-relazzjoni ta' bejn in-numru ta' studenti u n-numru ta' għalliema tal-iskola bbażata fuq twemmin reliġjuż inkwistjoni tikkorrispondi essenzjalment għal dik prevalenti fl-iskejjel pubbliċi ta' tip u ta' post identiċi jew komparabbli."

9. Skont l-Artikolu 19 tal-PrivSchG, intitolat "Natura tas-sussidju", l-għajnuniet tar-remunerazzjoni tal-persunal huma, bħala prinċipju, mogħtija permezz tal-assenjazzjoni ta' għalliema impjegati jew li jkollhom rabta kuntrattwali mal-Istat Federali jew mal-Land bħala "għajnuniet għall-għajxien".

10. L-Artikolu 21 tal-PrivSchG, dwar il-kundizzjonijiet tas-sussidji ta' skejjel privati oħra, jipprevedi:

"(1) Fir-rigward tal-iskejjel privati li għandhom status ta' dritt pubbliku li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 17, l-Istat Federali jista', skont id-disponibbiltà tal-fondi fuq il-bażi tal-Att dwar il-Finanzi Federali rispettiv, jagħti sussidji għall-ispejjeż tal-persunal jekk

[...]

(b) l-iskop tal-ġestjoni tal-iskola ma huwiex wieħed ta' lukru,

[...]"

[4] BGBl. Nru 244/1962, fil-verżjoni ppubblikata fil-BGBl. I, 35/2019.

## III. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11. Freikirche der Siebenten-Tags-Adventisten in Deutschland KdöR (il-Knisja Ħielsa tal-Avventisti tas-Seba' Jum fil-Ġermanja; iktar 'il quddiem l-"appellanti") hija soċjetà reliġjuża rrikonoxxuta fil-Ġermanja, fejn għandha l-istatus ta' korp irregolat mid-dritt pubbliku. Hija ma għandhiex l-istess status fl-Awstrija.

12. Fl-2019, l-appellanti rrikonoxxiet bħala skola bbażata fuq it-twemmin istitut privat fl-Awstrija li kien qiegħed jiġi ġġestit minn assoċjazzjoni privata – li tgħaqqad skola primarja ma' skola medja – u ressqet talba għal finanzjament pubbliku tal-persunal tagħha skont id-dispożizzjonijiet tal-PrivSchG.

13. Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Settembru 2019, il-Bildungsdirektion für Vorarlberg (id-Direttorat għall-Edukazzjoni ta' Vorarlberg, l-Awstrija) ċaħad din it-talba.

14. L-appellanti ppreżentat appell minn dik id-deċiżjoni. Madankollu, dan l-appell ġie miċħud bħala infondat permezz ta' sentenza tas-26 ta' Frar 2020 tal-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija). Din il-qorti kkonstatat li l-iskola inkwistjoni ma kellhiex l-istatus ġuridiku speċjali mogħti lil skejjel "ibbażati fuq twemmin reliġjuż" fis-sens tal-Artikolu 18 tal-PrivSchG, peress li l-appellanti ma kinitx irrikonoxxuta legalment fl-Awstrija bħala knisja jew soċjetà reliġjuża. Għalhekk hija kkonkludiet li r-rekwiżiti tal-Artikoli 17 *et seq.* tal-PrivSchG ma kinux issodisfatti.

15. L-appellanti ressqet appell fuq punt ta' liġi mis-sentenza tal-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Awstrija). Din il-qorti, billi kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti (iktar 'il quddiem il-"leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni") mad-dritt tal-Unjoni, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Sitwazzjoni li fiha soċjetà reliġjuża li hija rrikonoxxuta u stabbilita fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tressaq, fi Stat Membru ieħor, talba għal sussidju għal stabbiliment ta' tagħlim skolastiku privat, li jinsab f'dan l-aħħar Stat Membru, li hija rrikonoxxiet inkwantu skola bbażata fuq twemmin reliġjuż u li hija operata fi Stat Membru ieħor minn assoċjazzjoni rreġistrata skont id-dritt tal-Istat Membru l-ieħor taqa', fid-dawl tal-Artikolu 17 TFUE, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 56 TFUE?

Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

2) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tipprevedi, bħala prerekwiżit għas-sussidjar ta' skejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż, li l-applikant ikun irrikonoxxut bħala knisja jew soċjetà reliġjuża taħt id-dritt nazzjonali?"

16. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-appellanti, mill-Gvern Ċek u dak Awstrijak kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

## IV. Analiżi

17. Fil-punti segwenti, sejjer nindirizza ż-żewġ kwistjonijiet prinċipali li jirriżultaw mid-domandi preliminari li jikkonċernaw, essenzjalment, l-effetti tal-Artikolu 17(1) TFUE (A), u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE (B).

### *A. L-ewwel domanda: l-effetti tal-Artikolu 17 TFUE*

18. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 17(1) TFUE jipprekludix l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi f'sitwazzjoni fejn soċjetà reliġjuża, stabbilita fi Stat Membru, tirrikonoxxi skola fi Stat Membru ieħor bħala skola bbażata fuq twemmin reliġjuż u titlob finanzjament pubbliku fit-tieni Stat Membru.

19. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fin-negattiv.

20. L-Artikolu 17(1) jistabbilixxi li l-Unjoni "tirrispetta u ma tippreġudikax l-istatus li jgawdu minnu, taħt il-liġi nazzjonali, il-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri". F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni "[t]esprimi n-newtralità tal-Unjoni fir-rigward tal-organizzazzjoni mill-Istati Membri tar-relazzjonijiet tagħhom mal-knejjes u mal-assoċjazzjonijiet jew mal-komunitajiet reliġjużi"[5], u tinkorpora l-prinċipju ta' awtonomija organizzattiva tal-komunitajiet reliġjużi[6].

21. Fil-fehma tiegħi, il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja jimplikaw li l-Unjoni ma għandhiex setgħa speċifika sabiex tirregola l-kwistjonijiet dwar il-funzjonament intern tal-komunitajiet reliġjużi u r-relazzjoni tagħhom mal-Istati Membri. Għalhekk, bħala prinċipju huwa kull Stat Membru li għandu jiddetermina t-tip ta' relazzjoni li huwa jixtieq jistabbilixxi mal-komunitajiet reliġjużi u, għal dan l-għan, jistabbilixxi regoli li jirregolaw suġġetti bħal, pereżempju, l-istatus ġuridiku u l-portata tal-awtonomija tal-komunitajiet reliġjużi, il-finanzjament tagħhom, u kwalunkwe status speċjali mogħtija lill-ministri jew lill-persunal tagħhom[7].

22. Madankollu, dan ma jfissirx li dawn l-organizzazzjonijiet ma għandhomx ikunu konformi mar-regoli tal-Unjoni li jistgħu jkunu applikabbli għall-attivitajiet tagħhom, u lanqas li l-Istati Membri huma liberi li jadottaw leġiżlazzjonijiet ekkleżjastiċi inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, anki meta jaġixxu f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, l-Istati Membri huma marbuta li jeżerċitaw din il-kompetenza fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni[8], u għalhekk li josservaw l-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni[9].

5 Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2022, MIUR u Ufficio Scolastico Regionale per la Campania (C-282/19, EU:C:2022:3, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

6 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2018, Jehovan todistajat (C-25/17, EU:C:2018:551, punt 74).

7 B'mod simili, Morini, A. "Comment to Article 17 TFEU", f'Curti Gialdino, C., (editur) *Codice dell'Unione europea – Operativo*, Simone, Napoli, 2012, p. 543.

8 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukraina) (C-398/19, EU:C:2020:1032, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

9 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali) (C-430/21, EU:C:2022:99, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' regoli nazzjonali li jirrigwardaw ir-relazzjoni bejn Stat Membru u komunitajiet reliġjużi. B'mod partikolari, uħud minn dawn il-kawżi jikkonċernaw sitwazzjonijiet li għandhom ċertu xebh mal-kawża ineżami. Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà eżaminat jekk miżuri nazzjonali li jipprovdu l-finanzjament għall-iskejjel ibbażati fuq twemmin[10] jew li jipprevedu eżenzjonijiet fiskali favur attivitajiet imwettqa minn komunitajiet reliġjużi[11] humiex konformi mar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. B'mod simili, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ukoll li l-fatt li attività titwettaq minn komunità reliġjuża, jew minn membru tagħha, ma jipprekludix l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar is-suq intern[12].

24. Dan ma huwiex ikkontestat mill-Artikolu 17(1) TFUE. Kif enfasizza l-Avukat Ġenerali Tanchev, mill-Artikolu 17(1) TFUE ma jsegwix li r-relazzjonijiet bejn komunitajiet reliġjużi u Stat Membru huma kompletament esklużi minn kwalunkwe stħarriġ tal-osservanza tagħhom tad-dritt tal-Unjoni "ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi"[13]. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 17(1) TFUE ma jistax jitqies – kif sostna l-Avukat Ġenerali Bobek – bħala "eżenzjoni ġenerali" għal kwalunkwe kwistjoni li tmiss ma' komunità reliġjuża u r-relazzjoni tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali[14]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 17(1) TFUE ma jistax jiġi invokat sabiex jeżenta mill-osservanza, *inter alia*, tar-regoli tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u x-xogħol[15], jew dwar il-protezzjoni tad-data personali[16].

25. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li l-Artikolu 17(1) TFUE ma jipprekludix l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi f'sitwazzjoni fejn soċjetà reliġjuża, stabbilita fi Stat Membru, tirrikonoxxi skola li tinsab fi Stat Membru ieħor bħala skola bbażata fuq twemmin reliġjuż, u titlob finanzjament pubbliku f'dan l-aħħar Stat Membru.

### B. It-tieni domanda: il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE

26. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, bħala prerekwiżit għas-sussidju ta' skejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż, li l-applikant għandu jkun irrikonoxxut bħala knisja jew soċjetà reliġjuża taħt id-dritt nazzjonali.

27. Fit-taqsimiet li ġejjin, wara li nipprovdi xi rimarki preliminari li jiċċaraw id-dispożizzjoni applikabbli tad-dritt tal-Unjoni (1), sejjer nindirizza l-mertu ta' din id-domanda. Sejjer nispjega għalfejn jiena tal-fehma li d-dritt ta' stabbiliment ma jistax jiġi invokat mill-fornituri ta' servizzi sabiex ikunu awtorizzati jeżerċitaw attività mhux ekonomika fi Stat Membru ieħor (2). Sussidjarjament, sejjer nispjega għalfejn jiena tal-fehma li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik

[10] Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496).

[11] Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873).

[12] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1988, Steymann (196/87, EU:C:1988:475); tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani (C-456/02, EU:C:2004:488); u tas-7 ta' Mejju 2019, Monachos Eirinaios (C-431/17, EU:C:2019:368).

[13] Konklużjonijiet f'Egenberger (C-414/16, EU:C:2017:851, punti 88 u 93). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott f'Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:135, punt 32).

[14] Konklużjonijiet f'Cresco Investigation (C-193/17, EU:C:2018:614, punt 26).

[15] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2019, Cresco Investigation (C-193/17, EU:C:2019:43).

[16] Sentenza tal-10 ta' Lulju 2018, Jehovan todistajat (C-25/17, EU:C:2018:551, punt 74).

inkwistjoni tista' tikkostitwixxi restrizzjoni għad-dritt ta' stabbiliment, iżda tista' tkun iġġustifikata bħala neċessarja u proporzjonata għat-twettiq ta' ċerti għanijiet pubbliċi li jistħoqqilhom protezzjoni (3).

*1. Kummenti preliminari*

28. Preliminarjament, jista' jkun utli li tiġi ċċarata d-dispożizzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni applikabbli fil-kawża ineżami. Għandi żewġ rimarki f'dan ir-rigward.

29. L-ewwel, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni mal-Artikolu 56 TFUE, li jistabbilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Madankollu, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma huwiex l-Artikolu 56 TFUE li japplika, iżda l-Artikolu 49 TFUE, li jikkonċerna d-dritt ta' stabbiliment.

30. Fil-fatt, bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti, il-kunċett ta' stabbiliment jimplika li l-operatur joffri s-servizzi tiegħu, b'mod stabbli u kontinwu, minn stabbiliment fl-Istat Membru ospitanti. Madankollu, il-provvista ta' servizzi li ma humiex offruti b'mod stabbli u kontinwu, minn stabbiliment fl-Istat Membru ospitanti jikkostitwixxu "provvista ta' servizzi" għall-finijiet tal-Artikolu 56 TFUE [17].

31. Peress li l-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija l-ġestjoni ta' skola li toffri, b'mod stabbli u kontinwu, servizzi ta' tagħlim lil studenti tal-iskola primarja u sekondarja fl-Awstrija, nikkunsidra li l-kawża ineżami taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-istabbiliment [18].

32. It-tieni, huwa stabbilit sew li r-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, inklużi dawk relatati mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment, ma japplikawx għal sitwazzjoni li hija limitata minn kull aspett fi ħdan Stat Membru wieħed [19]. Għaldaqstant, dawn ir-regoli jistgħu jiġu validament invokati biss f'sitwazzjonijiet li jinvolvu element transkonfinali. Dan ir-rekwiżit jirriżulta mill-għan stess tad-dispożizzjonijiet tas-suq intern, li huwa li jiġi lliberalizzat il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni [20].

33. Fil-kawża ineżami, kuntrarjament għall-fehma tal-Gvern Awstrijak, dan ir-rekwiżit jidher li ġie ssodisfatt. L-appellanti, komunità reliġjuża, hija persuna ġuridika stabbilita fil-Ġermanja, li ressqet talba għal finanzjament fi Stat Membru ieħor, jiġifieri l-Awstrija. Bħalma tindika l-qorti tar-rinviju, din it-talba tressqet skont id-dritt nazzjonali Awstrijak. Fil-fatt, skont l-Artikolu 17 tal-PrivSchG, huma l-komunitajiet reliġjużi li huma (formalment) il-benefiċjarji ta' tali finanzjament. Għalhekk jista' jinstab element transkonfinali fil-kawża ineżami.

34. Wara li għamilt dawn il-preċiżazzjonijiet, indur issa għall-kwistjonijiet ta' mertu mqajma mit-tieni domanda preliminari.

17 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, EU:C:1995:411, punti 25 u 26), u tad-19 ta' Lulju 2012, Garkalns (C-470/11, EU:C:2012:505, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Ara, *mutatis mutandis*, il-konklużjonijiet tiegħi f'Boriss Cilevičs *et* (C-391/20, EU:C:2022:166).

19 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten (C-268/15, EU:C:2016:874).

20 Ara, b'iktar referenzi, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawżi magħquda Venturini *et* (C-159/12 sa C-161/12, EU:C:2013:529, punt 27).

*2. L-Artikolu 49 TFUE ma jistax jiġi invokat minn fornituri ta' servizzi sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw attività mhux ekonomika fi Stat Membru ieħor*

35. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi kull miżura nazzjonali li, anki jekk tapplika mingħajr distinzjoni minħabba ċittadinanza, tista' tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-libertà ta' stabbiliment żgurata mit-Trattat FUE [21].

36. Madankollu, għandu jitfakkar li r-regoli tal-Unjoni dwar l-istabbiliment – bħal dawk li jirrigwardaw il-libertajiet l-oħra tas-suq intern – huma applikabbli biss meta l-attività inkwistjoni tista' tiġi kklassifikata bħala "ekonomika". F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddeċidiet li jirriżulta li kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew servizzi f'suq partikolari tikkostitwixxi attività ekonomika [22].

37. Iktar speċifikament, l-Artikolu 57 TFUE jipprevedi li s-"servizzi" fis-sens tat-Trattati huma dawk "normalment mogħtija bi ħlas". Il-karatteristika essenzjali tar-remunerazzjoni tinsab – kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja – fil-fatt li din tikkostitwixxi l-*korrispettiv* għas-servizz inkwistjoni [23], u li hija normalment miftiehma bejn il-fornitur u d-destinatarju tas-servizz [24].

38. Il-Qorti tal-Ġustizzja adottat interpretazzjoni pjuttost wiesgħa tal-kunċett ta' "remunerazzjoni" [25]. B'mod partikolari, l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma hijiex eskluża mill-fatt li r-remunerazzjoni għas-servizz hija: (i) ta' ammont limitat [26], (ii) ipprovduta fil-forma ta' benefiċċju *in natura* [27], (iii) mhux imħallsa mid-destinatarju tas-servizz [28], jew (iv) sussegwentement irrimborsata minn terz [29]. Bl-istess mod, servizz jista' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE anki jekk il-fornitur ma għandux skop ta' lukru [30].

39. Madankollu, b'mod jew ieħor, għandu jkun hemm ħlas (jew trasferiment ta' xi benefiċċju ta' valur ekonomiku) li jikkostitwixxi forma ta' "korrispettiv" għas-servizz ipprovdut [31]. Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddikjarat li "il-fattur deċiżiv li jqiegħed attività fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi huwa n-natura ekonomika tagħha" [32]. Dan ma huwiex il-każ, pereżempju, meta l-attività hija eżerċitata mingħajr ħlas [33], jew taqa' fil-kuntest ta' sistema li ma hijiex ibbażata fuq loġika kummerċjali [34].

21 Ara, fost diversi, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2020, Vivendi (C-719/18, EU:C:2020:627, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 *Ibid.*, punt 47

24 Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, Peñarroja Fa (C-372/09 u C-373/09, EU:C:2011:156, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 B'mod simili, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas fil-kawżi magħquda Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:1999:147, punt 30).

26 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, Jundt (C-281/06, EU:C:2007:816, punt 34).

27 Sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1988, Steymann (196/87, EU:C:1988:475), u tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani (C-456/02, EU:C:2004:488).

28 Sentenza tas-26 ta' April 1988, Bond van Adverteerders *et* (352/85, EU:C:1988:196, punt 16).

29 Sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms (C-157/99, EU:C:2001:404, punt 58).

30 *Ibid.*, punti 50 u 52.

31 Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22 iktar 'il fuq. B'enfasi fuq dan il-punt, u b'referenzi oħra, ara wkoll Koutrakos, P., "Healthcare as an economic service under EC law", f'Dougan, M., Spaventa, E. (edituri), *Social Welfare and EU Law*, Hart Publishing, Oxford, 2005, p. 112 sa 115.

32 Ara s-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2007, Jundt (C-281/06, EU:C:2007:816, punt 32), u tat-23 ta' Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-179/14, EU:C:2016:108, punt 154). Enfasi miżjuda minni.

33 Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 1991, Society for the Protection of Unborn Children Ireland (C-159/90, EU:C:1991:378, punti 24 sa 26).

34 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Slynn f'Gravier (293/83, EU:C:1985:15, p. 603), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Fennelly f'Sodemare *et* (C-70/95, EU:C:1997:55, punt 29).

Dak li huwa kruċjali sabiex attività tkun tista' titqies bħala "ekonomika", huwa, fil-fehma tiegħi, li t-tranżazzjoni bejn il-fornitur u d-destinatarju tkun ibbażata fuq *quid pro quo*[35], li fiha tista' tiġi identifikata *relazzjoni raġonevoli* bejn il-valur tas-servizz ipprovdut u l-ħlas imwettaq inkambju.

40. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, f'dak li jirrigwarda l-*attivitajiet edukattivi*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-korsijiet mogħtija minn stabbilimenti edukattivi ffinanzjati essenzjalment minn fondi privati jikkostitwixxu "servizzi" għall-finijiet tad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, liġijiet nazzjonali li jirregolaw dawn l-attivitajiet għandhom, bħala prinċipju, jikkonformaw mar-regoli dwar is-suq intern, u, iktar speċifikament, mar-regoli dwar il-moviment liberu tas-servizzi. Għall-kuntrarju, l-offerta ta' korsijiet edukattivi minn stabbilimenti li huma integrati f'sistema ta' edukazzjoni pubblika u li huma ffinanzjati, kompletament jew prinċipalment, minn fondi pubbliċi ma tikkostitwixxix attività ekonomika għall-finijiet tar-regoli tal-Unjoni dwar is-suq intern. Fil-fatt, billi jistabbilixxi u jżomm fis-seħħ tali sistema ta' edukazzjoni pubblika, iffinanzjata bħala regola ġenerali mill-finanzi pubbliċi u mhux mill-istudenti jew mill-ġenituri tagħhom, l-Istat ma għandux l-intenzjoni li jeżerċita attivitajiet bi ħlas iżda li jissodisfa l-missjoni tiegħu fl-oqsma soċjali, kulturali u edukattivi fil-konfront tal-popolazzjoni tiegħu[36].

41. Fil-kawża ineżami, nifhem li l-attività edukattiva mwettqa mill-iskola (privata) inkwistjoni hija attwalment iffinanzjata minn fondi privati, inklużi dawk ipprovduti mill-istudenti u mill-ġenituri tagħhom. Għaldaqstant, din l-attività tista' tiġi kklassifikata bħala "ekonomika" għall-finijiet tad-dritt tal-Unjoni.

42. Fid-dawl ta' dan, iqumu żewġ domandi fil-kawża ineżami. L-ewwel, l-attività li din l-iskola għandha l-intenzjoni twettaq fl-Awstrija, jekk u meta ngħata l-finanzjament pubbliku mitlub, xorta tista' tiġi kklassifikata bħala "ekonomika" għall-finijiet tar-regoli tas-suq intern? It-tieni, jekk ma tistax tiġi kklassifikata bħala tali, dan ikollu xi effett fuq ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju?

43. Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni jsostnu li l-attività li din l-iskola sejra twettaq fl-Awstrija kieku jingħata l-finanzjament pubbliku mitlub, ma tkunx tista' tibqa' titqies bħala "ekonomika".

44. Jekk l-interpretazzjoni tiegħi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni hija korretta – fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju – jiena naqbel ma' din il-fehma. Fil-fatt, jekk l-iskola inkwistjoni tiġi ammessa għas-sistema stabbilita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, din l-iskola tidher li tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li skonthom, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 40 iktar 'il fuq, l-offerta ta' korsijiet edukattivi ma tistax titqies li tikkostitwixxi "servizz" għall-finijiet tar-regoli tas-suq intern: i) l-iskola hija integrata f'sistema ta' edukazzjoni pubblika u, (ii) din is-sistema hija ffinanzjata kompletament jew prinċipalment minn fondi pubbliċi.

45. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tillimitax ruħha li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' finanzjament tal-iskejjel ibbażati fuq twemmin reliġjuż, iżda tidher li tmur lil hinn minn dan il-mekkaniżmu billi tipprevedi, essenzjalment, l-*integrazzjoni sħiħa* ta' dawn l-iskejjel fis-sistema pubblika tal-edukazzjoni.

35 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Ordine degli Architetti *et* (C-399/98, EU:C:2001:401, punt 77). Ara, b'mod ġenerali, Spaventa, E., "Public Services and European Law: Looking for Boundaries", *Cambridge Yearbook of European Legal Studies*, Vol. 5, 2003, p. 272 sa 275.

36 Ara s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46. L-iskejjel privati jistgħu jiġu rrikonoxxuti bħala "bbażati fuq twemmin reliġjuż" biss minn komunitajiet reliġjużi rrikonoxxuti bħala tali fl-Awstrija. Dawn il-komunitajiet huma kkostitwiti fil-forma ta' persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku, li d-dħul u l-assi tagħhom jistgħu jintużaw biss għal finijiet reliġjużi, inkluż għal skopijiet mhux ta' lukru u karitattivi bbażati fuq għanijiet reliġjużi [37]. Il-komunitajiet reliġjużi jingħataw xi drittijiet speċjali, iżda jiġu wkoll fdati bit-twettiq ta' inkarigi speċifiċi, li permezz tagħhom – skont l-espressjoni użata mill-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Awstrija), "huma jinfluwenzaw, fil-livell tagħhom, il-ħajja pubblika nazzjonali" [38]. Wieħed minn dawn l-inkarigi jikkonċerna preċiżament l-edukazzjoni, peress li huma inkarigati mit-tagħlim reliġjuż fl-iskejjel [39], u huma obbligati jipprovdu edukazzjoni "ta' kwalità" f'dan ir-rigward [40].

47. Għat-twettiq tal-inkarigi tagħhom, il-komunitajiet reliġjużi għandhom id-dritt li jirċievu sussidji għall-ispejjeż tal-persunal, li huma, bħala prinċipju, mogħtija permezz tal-assenjazzjoni ta' għalliema impjegati jew li jkollhom rabta kuntrattwali mal-Istat Federali jew mal-Land bħala "għajnuniet għall-għajxien". Il-persunal assenjat jinkludi l-persunal responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm tal-iskola kkonċernata (inkluż il-kariga ta' direttur u kwalunkwe servizzi anċillari li għandu jiġi pprovdut mill-persunal ta' tagħlim fi skejjel pubbliċi komparabbli) [41]. Kif nifhem jien, l-iskejjel issussidjati b'fondi pubbliċi fl-Awstrija mhux biss ma jistgħux jiġu ġġestiti għal skopijiet ta' lukru [42] iżda, fuq kollox, huma ffinanzjati prinċipalment minn fondi pubbliċi.

48. Għaldaqstant, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, jiena tal-fehma li n-natura tal-attività tal-iskola inkwistjoni, ladarba tiġi ammessa għas-sistema ta' finanzjament pubbliku stabbilita mill-PrivSchG, neċessarjament tinbidel u tieqaf tkun "ekonomika". Din l-attività tkun għalhekk eżerċitata f'sistema mmexxija mill-Istat li ma ssegwix loġika kummerċjali.

49. Din il-konklużjoni provviżorja twassal għad-domanda segwenti: l-Artikolu 49 TFUE jista' jiġi invokat b'suċċess fir-rigward ta' attività ekonomika fl-Istat Membru ospitanti fejn, kieku l-allegata restrizzjoni kellha titneħħa, tintilef in-natura ekonomika tagħha?

50. F'dan ir-rigward, jiena naqbel mill-ġdid mal-opinjoni tal-Gvern Awstrijak u tal-Kummissjoni li r-risposta għal tali domanda għandha tkun fin-negattiv.

51. F'dan ir-rigward, wieħed ma għandux jinsa li l-għan imfittex mir-regoli tal-Unjoni dwar is-suq intern huwa l-eliminazzjoni tal-ostakoli kollha għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni sabiex jiġu amalgamati s-swieq nazzjonali f'suq wieħed li jwassal għal kundizzjonijiet l-iktar qrib possibbli għal dawk ta' suq intern ġenwin [43]. L-għan fundamentali tas-suq intern huwa li jiġi żgurat, fi ħdan l-Unjoni, fluss liberu tal-inputs meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi, sabiex tiġi żgurata allokazzjoni ottimali tar-riżorsi u sabiex jiġi mmassimizzat il-benesseri ekonomiku [44].

[37] Artikolu 11(2) tal-BekGG.

[38] Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2009, VfSlg 18.965/2009 (AT:VFGH:2009:B516.2009).

[39] Artikolu 17(4) tas-Staatsgrundgesetz vom 21. December 1867, über die allgemeinen Rechte der Staatsbürger für die im Reichsrathe vertretenen Königreiche und Länder (il-Liġi Fundamentali Awstrijaka dwar id-Drittijiet Ġenerali taċ-Ċittadini; RGBl. 142/1867).

[40] Kif ġie spjegat mill-Gvern Awstrijak, b'riferiment għall-ispjegazzjonijiet li jikkonċernaw l-Abbozz tal-Gvern relatat mal-liġi li temenda l-BekGG (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2 iktar 'il fuq).

[41] Artikoli 18 u 19 tal-PrivSchG.

[42] Artikolu 21(1)(b) tal-PrivSchG.

[43] Ara s-sentenzi tal-5 ta' Mejju 1982, Schul Douane Expediteur (15/81, EU:C:1982:135, punt 33), u tas-17 ta' Mejju 1994, Franza vs Il-Kummissjoni (C-41/93, EU:C:1994:196, punt 19).

[44] Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawżi magħquda X u Visser (C-360/15 u C-31/16, EU:C:2017:397, punt 1), u Barnard, C., *The Substantive Law of the EU: The Four Freedoms*, il-ħames edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2016, p. 3 sa 8.

52. Għall-kuntrarju, ir-regoli dwar is-suq intern ma humiex intiżi li jsegwu forom ta' integrazzjoni mhux ekonomika bejn l-Istati Membri tal-Unjoni, li jistgħu jkunu s-suġġett ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati tal-Unjoni. Għaldaqstant, dawn ir-regoli ma jistgħux, bħala prinċipju, jiġu invokati fl-assenza ta' attività eżerċitata b'loġika kummerċjali [45].

53. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet konsistentement li l-kunċett ta' "stabbiliment", skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati tal-Unjoni jimplika l-eżerċizzju *effettiv* ta' attività ekonomika fi ħdan l-Istat Membru ospitanti [46]. Dan il-prinċipju huwa rifless ukoll f'numru ta' kawżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet, *in toto* jew parzjalment, ċerti attivitajiet mill-portata tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi.

54. L-ewwel nett, f'ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-attivitajiet ta' ġestjoni tas-servizz pubbliku tas-sigurtà soċjali, li jaqdu funzjoni ta' natura esklużivament soċjali, ma humiex "ekonomiċi" meta jkunu bbażati fuq il-prinċipju ta' solidarjetà nazzjonali u jkunu nieqsa minn kull għan ta' profitt [47].

55. Barra minn hekk, f'Sodemare *et*, fejn kumpannija invokat ir-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi sabiex tkun tista' tipprovdi servizzi ta' għajnuna soċjali ta' natura sanitarja, minkejja l-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tirriżerva l-possibbiltà li tipparteċipa fil-ġestjoni tas-sistema ta' għajnuna soċjali biss għall-operaturi privati mingħajr skop ta' lukru, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE. Hija nnotat li, skont prinċipju stabbilit sew, id-dritt tal-Unjoni ma jnaqqasx mis-setgħat tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistema ta' sigurtà soċjali tagħhom kif jikkunsidraw xieraq. Fl-eżerċizzju tal-kompetenzi miżmuma f'dan ir-rigward, l-Istati Membri setgħu għalhekk legalment jiddeċiedu li l-ammissjoni tal-operaturi privati għal din is-sistema bħala fornituri ta' servizzi ta' għajnuna soċjali għandha tkun suġġetta għall-kundizzjoni li huma ma jkollhomx skop ta' lukru [48].

56. Ġiet segwita loġika simili mill-Qorti tal-Ġustizzja f'Analisi G. Caracciolo, fejn kumpannija invokat, *inter alia*, ir-regoli dwar il-moviment liberu tas-servizzi sabiex tikkontesta n-nuqqas ta' akkreditazzjoni tagħha konformement mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 [49]. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni li skonthom l-akkreditazzjoni kienet imwettqa esklużivament minn organu nazzjonali wieħed. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regoli dwar il-moviment liberu tas-servizzi ma kinux applikabbli f'dik il-kawża sa fejn il-korp ta' akkreditazzjoni kien wettaq attività ta' awtorità pubblika, barra minn kull kuntest kummerċjali u li jopera bla skop ta' lukru [50].

57. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkunsidra li r-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi ma jistgħux jiġu invokati fir-rigward ta' attività ekonomika, jekk din l-attività neċessarjament titlef in-natura ekonomika tagħha minħabba t-tneħħija tal-allegata restrizzjoni.

45 Fil-kummentarji legali, ara, pereżempju, Odudu, O., "Economic Activity as a Limit to Community Law", f'Barnard, C., Odudu, O. (edituri), *The Outer Limits of European Union Law*, Hart Publishing, Oxford, 2009, p. 242 u 243.

46 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, VALE Építési (C-378/10, EU:C:2012:440, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-17 ta' Frar 1993, Poucet u Pistre (C-159/91 u C-160/91, EU:C:1993:63, punti 17 u 18), u tat-22 ta' Ottubru 2015, EasyPay u Finance Engineering (C-185/14, EU:C:2015:716, punt 38).

48 Sentenza tas-17 ta' Ġunju 1997 (C-70/95, EU:C:1997:301).

49 ĠU 2008, L 218, p. 30.

50 Sentenza tas-6 ta' Mejju 2021 (C-142/20, EU:C:2021:368).

58. Konklużjoni differenti, fil-fehma tiegħi, mhux biss tkun tista’ tiġi diffiċilment irrikonċiljata mad-definizzjoni ta’ “servizzi” stabbilit fl-Artikolu 57 TFUE, kif interpretat konsistentement mill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda wkoll – u iktar fundamentalment – twessa’ żżejjed il-kamp ta’ applikazzjoni tar-regoli dwar il-moviment liberu, u b’hekk tmur kontra r-raġuni nnifisha tagħhom.

59. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li l-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, bħala prerekwiżit għas-sussidju ta’ skejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż, li l-applikant għandu jkun irrikonoxxut bħala knisja jew soċjetà reliġjuża taħt id-dritt nazzjonali, meta r-riżultat ta’ dan is-sussidju jkun li l-iskola tintegra ruħha kompletament fis-sistema pubblika.

60. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma’ din il-fehma, jew jekk din l-analiżi titqies mill-qorti tar-rinviju bħala bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt nazzjonali, sejjer nevalwa, sussidjarjament, il-kompatibbiltà ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni mal-Artikolu 49 TFUE.

### *3. L-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni*

61. L-Artikolu 49 TFUE jipprekludi mhux biss id-diskriminazzjonijiet manifesti bbażati fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll kull forma moħbija ta’ diskriminazzjoni li, bl-applikazzjoni ta’ kriterji oħra ta’ distinzjoni, twassal, *de facto*, għall-istess riżultat [51]. B’mod partikolari, kif issemma fil-punt 35 iktar ’il fuq, l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi kwalunkwe miżura nazzjonali li tista’ tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-libertà ta’ stabbiliment żgurata mit-Trattat FUE.

62. Fil-kawża ineżami, nikkunsidra li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni hija indirettament diskriminatorja, u li d-differenza fit-trattament bejn l-iskejjel li tirriżulta minn din il-leġiżlazzjoni tista’ tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju mill-individwi, mill-assoċjazzjonijiet u mill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor tad-dritt tagħhom ta’ stabbiliment fl-Awstrija.

63. L-ewwel, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, l-iskejjel ibbażati fuq twemmin reliġjuż biss għandhom id-*dritt* li jirċievu finanzjament pubbliku [52]. Skejjel privati oħra *jistgħu* jirċievu finanzjament, taħt ċerti kundizzjonijiet, jekk l-Istat Federali jkun alloka ċerti fondi għal dan l-għan fil-baġit federali [53].

64. L-iskejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni huma biss dawk li huma affiljati mal-komunitajiet reliġjużi legalment irrikonoxxuti [54]. Fost il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-Istat hemm ir-rekwiżiti li l-komunità reliġjuża (i) kienet attiva fl-Awstrija għal ċertu numru ta’ snin u, (ii) il-membri tagħha jkunu tal-inqas ugwali għal perċentwali partikolari tal-popolazzjoni Awstrijaka [55].

[51] Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta’ Marzu 2020, Tesco-Global Áruházak (C-323/18, EU:C:2020:140, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[52] Artikolu 17 tal-PrivSchG.

[53] Artikolu 21 tal-PrivSchG.

[54] Artikolu 17(2) tal-PrivSchG.

[55] Artikolu 11(1) tal-BekGG.

65. Huwa ovvju li dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfatti iktar faċilment minn komunitajiet li għandhom xi forma ta' stabbiliment fl-Awstrija.

66. It-tieni, jidhirli wkoll ċar li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tagħti finanzjament pubbliku biss lil ċerti tipi ta' skejjel privati (jiġifieri, l-iskejjel ibbażati fuq twemmin reliġjuż) u mhux lil oħrajn (jiġifieri, l-iskejjel mhux ibbażati fuq twemmin reliġjuż, inklużi dawk affiljati mal-komunitajiet reliġjużi mhux legalment irrikonoxxuti) tista' tiskoraġġixxi ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi – b'mod partikolari, kif ġie spjegat iktar 'il fuq, dawk li ma humiex stabbiliti fl-Awstrija – milli jistabbilixxu skejjel ġodda f'dan l-Istat Membru.

67. L-iskejjel privati li ma jirċievu ebda finanzjament pubbliku huma manifestament żvantaġġati meta mqabbla ma' dawk li jibbenefikaw minn tali finanzjament. Dawn tal-aħħar normalment għandhom ikunu jistgħu joffru servizzi komparabbli għal miżati iktar baxxi peress li parti kbira mill-ispejjeż tagħhom huma koperti minn fondi pubbliċi. Il-fondi mħallsa mill-istudenti u mill-ġenituri tagħhom "jiżdiedu" mal-fondi pubbliċi. B'kuntrast ma' dan, l-iskejjel mhux ibbażati fuq twemmin reliġjuż ikollhom jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom prinċipalment permezz ta' fondi privati, li l-miżati tal-istudenti normalment jikkostitwixxu parti sinjifikattiva minnhom.

68. F'dan il-kuntest, jiena tal-fehma li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, bħala prerekwiżit għas-sussidju ta' skejjel privati (ibbażati fuq twemmin reliġjuż), li l-applikant għandu jkun irrikonoxxut bħala knisja jew soċjetà reliġjuża taħt id-dritt nazzjonali tikkostitwixxi "restrizzjoni" għad-dritt ta' stabbiliment fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE.

69. Madankollu, hija ġurisprudenza stabbilita li restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment hija ammissibbli jekk, l-ewwel, din tkun iġġustifikata minn raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika, jew minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u, it-tieni, jekk tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità. Fir-rigward tal-proporzjonalità, il-miżura nazzjonali għandha tkun xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tal-għan imfittex, u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq. Barra minn hekk, il-miżura nazzjonali għandha tkun proporzjonata *stricto sensu* sa fejn għandha toħloq bilanċ ġust bejn l-interessi inkwistjoni, jiġifieri, l-interess imfittex mill-Istat bil-miżura inkwistjoni u l-interessi tal-persuni affettwati b'mod negattiv[56].

70. F'dan ir-rigward, il-Gvern Awstrijak jenfasizza li, fl-Awstrija, l-iskejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż jikkompletaw is-sistema pubblika tal-iskejjel, peress li l-iskejjel pubbliċi huma biss ibbażati fuq iktar minn twemmin reliġjuż wieħed. L-iskejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż għalhekk jippermettu lill-ġenituri jagħżlu edukazzjoni għat-tfal tagħhom skont it-twemmin reliġjuż tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Gvern Awstrijak jagħmel riferiment għall-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 1 għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB") li, f'dak li jirrigwarda d-dritt għall-edukazzjoni, jipprevedi li "l-Istat għandu jirrispetta d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw dik l-edukazzjoni u dak it-tagħlim in konformità mal-konvinzjonijiet tagħhom reliġjużi u filosofiċi".

71. Dan il-gvern isostni, essenzjalment, li l-limitazzjoni ta' sussidji pubbliċi għal dawn l-iskejjel tfittex għan doppju: li jiġi żgurat użu raġonevoli ta' riżorsi pubbliċi, li mbagħad jiżgura edukazzjoni ta' kwalità, u li tiġi protetta s-sigurtà pubblika. Dan il-gvern jenfasizza li l-proċedura tar-rikonoxximent tal-komunitajiet reliġjużi tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jivverifikaw,

56 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Edukazzjoni ogħla) (C-66/18, EU:C:2020:792, punti 178 u 179 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*inter alia*, li l-komunità inkwistjoni għandha organizzazzjoni stabbli b'numru suffiċjenti ta' segwaċi, u li din għandha dispożizzjoni tajba lejn is-soċjetà u l-Istat, u li hija ma tipperikolax il-paċi reliġjuża.

72. Fil-fehma tiegħi, dawn huma *għanijiet leġittimi* li, bħala prinċipju, jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet għad-dritt ta' stabbiliment. Fil-fatt, l-Artikolu 52 TFUE jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu jew iżommu derogi mid-dritt ta' stabbiliment għal raġunijiet, fost oħrajn, ta' sigurtà pubblika. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li kemm ir-riskju ta' dannu gravi għall-bilanċ finanzjarju ta' politika soċjali [57] u l-għan li jiġu żgurati standards għolja ta' edukazzjoni [58] jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw ostakoli għal-libertà ta' moviment.

73. Sussegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni hijiex *xierqa* sabiex tikseb dawn l-għanijiet, li jfisser li tagħti kontribut utli għat-twettiq tagħhom.

74. Fil-fehma tiegħi, hija tagħmel dan.

75. Fl-ewwel lok, naqbel mal-Gvern Awstrijak li l-limitazzjoni tas-sussidji għall-iskejjel li x'aktarx jilqgħu numru kbir ta' studenti u li huma relatati ma' organizzazzjoni stabbli tikkostitwixxi miżura raġonevoli sabiex jiġi żgurat kontroll tal-ispejjeż u li jiġi evitat, sa fejn huwa possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani [59]. Użu raġonevoli tar-riżorsi disponibbli, neċessarjament limitati, jista' wkoll jiffavorixxi l-provvista ta' servizzi edukattivi aħjar.

76. Fit-tieni lok, l-istorja kemm tal-passat imbiegħed kif ukoll reċenti turi li t-tagħlim reliġjuż, l-ippritkar u l-proselitiżmu jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi rari, jintużaw sabiex jittrażmettu ideat li jistgħu jkunu ta' theddida għas-sigurtà pubblika. Meta dan ikun il-każ, tali attivitajiet ma jistgħux jitqiesu li huma protetti fuq il-bażi tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni jew tar-reliġjon [60], u Stat Membru għandu għalhekk ikun jista', kif enfasizzat il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iżomm "ordni pubbliku, armonija reliġjuża u t-tolleranza f'soċjetà demokratika" [traduzzjoni mhux uffiċjali] b'mod partikolari bejn gruppi opposti [61]. Verifika *ex ante* tal-kompatibbiltà tal-ideoloġija u tat-twemmin ta' komunità reliġjuża mal-valuri fundamentali tas-soċjetà tidher li hija xierqa, tal-inqas sa ċertu punt, sabiex tillimita dan ir-riskju.

77. Dan premess, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, jew ma jirnexxilhiex tikseb bilanċ ġust bejn l-interessi inkwistjoni?

78. Fil-fehma tiegħi, dawn huma l-kwistjonijiet li fuqhom il-qrati tar-rinviju huma, b'mod ġenerali, fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiddeċiedu. Dan huwa minnu speċjalment fil-kawża ineżami peress li l-parti li invokat id-dritt ta' stabbiliment, l-appellanti fil-kawża prinċipali, ma ressqet ebda argument f'dan ir-rigward.

[57] Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, Woningstichting Sint Servatius (C-567/07, EU:C:2009:593, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[58] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 2003, Neri (C-153/02, EU:C:2003:614, punt 46), u tal-14 ta' Settembru 2006, Centro di Musicologia Walter Stauffer (C-386/04, EU:C:2006:568, punt 45).

[59] Ara, *mutatis mutandis*, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Simma Federspiel (C-419/16, EU:C:2017:997, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[60] Ara, pereżempju, il-Qorti EDB, 13 ta' Frar 2003, Refah Partisi (the Welfare Party) *et* vs It-Turkija (CE:ECHR:2003:0213JUD004134098).

[61] Qorti EDB, 10 ta' Novembru 2005, Leyla Şahin vs It-Turkija (CE:ECHR:2005:1110JUD004477498, punt 107).

79. Fi kwalunkwe każ, għandi niddikjara li, fuq il-bażi tal-provi prodotti fil-proċess, ma nista' nidentifika ebda miżura possibbli li tista' tkun inqas restrittiva mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi, filwaqt li tkun ugwalment kapaċi sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din il-leġiżlazzjoni. Lanqas ma hemm xi element fil-proċess li jissuġġerixxi li, billi llimita l-finanzjament pubbliku għall-iskejjel affiljati mal-komunitajiet reliġjużi legalment irrikonoxxuti, l-awtoritajiet Awstrijaċi setgħu bbilanċjaw b'mod skorrett l-interessi pubbliċi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni mal-interessi ta' dawk il-persuni affettwati minnha (*in casu*, komunitajiet reliġjużi mhux irrikonoxxuti).

80. F'dan ir-rigward, nindika wkoll li l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex komunità reliġjuża tiġi legalment irrikonoxxuta ma jidhrux irraġonevoli jew eċċessivi għal komunità li għandha preżenza u attività sinjifikattiva fil-pajjiż. Nifhem ukoll li, jekk il-kriterju jkun issodisfatt, l-awtoritajiet pubbliċi ma jkollhom l-ebda setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward peress li r-rikonoxximent huwa mogħti awtomatikament, fatt li għandu jiżgura trattament ġust u ugwali tal-komunitajiet reliġjużi differenti[62].

81. Il-fatt li l-appellanti għandha l-istatus ta' soċjetà reliġjuża rrikonoxxuta fil-Ġermanja huwa irrilevanti f'dan il-kuntest. Fil-fatt, ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tista' tiġi interpretata bħala li tipprevedi mekkaniżmu ta' "rikonoxximent reċiproku" bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-komunitajiet reliġjużi. Kif indika ġustament il-Gvern Ċek, tali prinċipju jċaħħad, fil-parti l-kbira, lill-Artikolu 17(1) TFUE mill-effettività tiegħu, peress li jillimita b'mod qawwi l-libertà tal-Istati Membri li jindirizzaw lill-komunitajiet reliġjużi kif jidhrilhom li huwa xieraq.

82. B'mod iktar fundamentali, jiena tal-fehma li l-Artikolu 17(1) TFUE neċessarjament jimplika, f'dan il-kuntest, li l-Istati Membri għandu jkollhom marġni sinjifikattiv f'dak li jirrigwarda r-regoli dwar ir-rikonoxximent tal-komunitajiet reliġjużi u r-relazzjoni li huma beħsiebhom jistabbilixxu magħhom. Għandu jkun hemm ukoll ċertu marġni fir-rigward tar-*relazzjoni finanzjarja* stabbilita mill-Istati Membri mal-komunitajiet reliġjużi[63].

83. B'mod interessanti, nosserva li, fuq dan il-punt, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – li ċerti kawżi tressqu quddiemha fuq il-bażi, b'mod partikolari, ta' allegat ksur tal-libertà tar-reliġjon[64] – waslet għal konklużjonijiet simili. Dik il-qorti rrikonoxxiet li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' f'dak li jirrigwarda l-mod kif jixtiequ jorganizzaw ir-relazzjonijiet tagħhom ma' komunitajiet reliġjużi, il-possibbiltà li jafdaw lil dawn il-komunitajiet bir-responsabbiltà li jwettqu ċerti inkarigi (anki dawk mhux reliġjużi) fl-interess pubbliku, u l-finanzjament ta' dawn il-komunitajiet jew ta' ċerti attivitajiet tagħhom, bħall-offerta ta' korsijiet edukattivi. Id-diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri ma kinitx eskluża minħabba s-sempliċi fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kellha l-effett li tittratta b'mod differenti diversi komunitajiet, u b'hekk tat iktar appoġġ lil ċerti komunitajiet milli lil oħrajn[65]. F'dan

[62] Ara, b'mod partikolari, il-formulazzjoni tal-Artikoli 1 u 2 tal-AnerkennungsG.

[63] Madankollu, huwa importanti li ninkludi twissija f'dan ir-rigward: dan il-marġni fir-rigward ta' kwistjonijiet finanzjarji jeżisti sa fejn ir-regoli dwar il-fondi pubbliċi mħallsa lill-komunitajiet reliġjużi jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni li, skont iċ-ċirkustanzi, jistgħu jkunu applikabbli fis-sitwazzjoni speċifika. B'mod partikolari, jekk Stat Membru jissussidja attivitajiet ekonomiċi mwettqa minn komunitajiet reliġjużi, il-miżuri inkwistjoni għandhom ikunu kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat (ara, pereżempju, il-ġurisprudenza ċċitata fin-noti ta' qiegħ il-paġna 9 u 10 iktar 'il fuq). Madankollu, din ma hijiex kwistjoni li ġiet imqajma fil-kawża ineżami.

[64] Dan id-dritt huwa protett skont l-Artikolu 9 tal-KEDB, intitolat "Il-liberta` tal-ħsieb, kuxjenza, u reliġjon".

[65] Ara, *inter alia*, il-Qorti EDB, 7 ta' Diċembru 1976, Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen vs Id-Danimarka (CE:ECHR:1976:1207JUD000509571); 28 ta' Awwissu 2001, Lundberg vs L-Isvezja (CE:ECHR:2001:0828DEC003684697); 29 ta' Ġunju 2007, Folgerø *et* vs In-Norveġja (CE:ECHR:2007:0629JUD001547202); u t-18 ta' Marzu 2011, Lautsi *et* vs L-Italja (CE:ECHR:2011:0318JUD003081406). B'mod iktar ġenerali dwar din il-kwistjoni, b'referenzi oħra, ara Evans, C., Thomas, C. A., "Church-State Relations in the European Court of Human Rights", *BYU Law Review*, 2006, p. 699.

il-kuntest, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat ukoll li l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 1 [66] ma jistax jiġi interpretat li jfisser li l-ġenituri jistgħu jeżiġu li l-Istat jipprovdi forma partikolari ta' edukazzjoni (reliġjuża) [67].

84. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet isegwi, fil-fehma tiegħi, li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża ineżami tikkostitwixxi restrizzjoni għad-dritt ta' stabbiliment, iżda tista' tkun iġġustifikata bħala neċessarja u proporzjonata għat-twettiq ta' ċerti għanijiet pubbliċi li jistħoqqilhom protezzjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ fil-kawża ineżami.

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena għandi nikkonkludi li l-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, bħala prerekwiżit għas-sussidju ta' skejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż, li l-applikant għandu jkun irrikonoxxut bħala knisja jew soċjetà reliġjuża taħt id-dritt nazzjonali.

## V. Konklużjonijiet

86. Bħala konklużjoni, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Awstrija) kif ġej:

– L-Artikolu 17(1) TFUE ma jipprekludix l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi f'sitwazzjoni fejn soċjetà reliġjuża, stabbilita fi Stat Membru, tirrikonoxxi skola fi Stat Membru ieħor bħala skola bbażata fuq twemmin reliġjuż u titlob finanzjament pubbliku f'dan l-aħħar Stat Membru;

– L-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, bħala prerekwiżit għas-sussidju ta' skejjel privati bbażati fuq twemmin reliġjuż, li l-applikant għandu jkun irrikonoxxut bħala knisja jew soċjetà reliġjuża taħt id-dritt nazzjonali.

[66] Ara iktar 'il fuq, il-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[67] Qorti EDB, 18 ta' Marzu 2011, Lautsi *et* vs L-Italja (CE:ECHR:2011:0318JUD003081406, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).